II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2029

**tal-10 ta' Novembru 2016**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]), u partikolarment l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 jelenka speċijiet ta' annimali u pjanti li l-kummerċ tagħhom huwa ristrett jew ikkontrollat. Dawk il-listi jinkorporaw il-listi stabbiliti fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni"). Jinkorporaw ukoll speċijiet oħrajn li l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom jirrikjedi li jiġi rregolat jew immonitorjat il-kummerċ mill-Unjoni, fiha jew madwarha.

(2) L-ispeċijiet li ġejjin ġew inklużi riċentement fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni: *Dalbergia calycina, Dalbergia cubilquitzensis, Dalbergia glomerata* u *Dalbergia tucurensis* (kollha bl-annotazzjoni) fuq talba tal-Gwatemala; *Cedrela fissilis* u *Cedrela lilloi* (it-tnejn bl-annotazzjoni) fuq talba tal-Brażil; *Pterocarpus erinaceus* (bl-annotazzjoni) fuq talba tas-Senegal. L-ispeċi *Cairina moschata* tħassar mill-Appendiċi III tal-Konvenzjoni fuq talba tal-Ħonduras.

(3) L-emendi li saru fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni għalhekk jeħtieġu li jsiru emendi fl-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(4) Permezz tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-ispeċijiet li ġejjin se jkunu suġġetti għar-reġim legali iktar strett tiegħu: *Callosciurus erythraeus, Sciurus carolinensis, Sciurus niger, Oxyura jamaicensis, Trachemys scripta elegans, Lithobates catesbeianus*. Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà li dawn l-ispeċijiet ikunu suġġetti għal żewġ reġimi ta' importazzjoni konkurrenti għandhom jitħassru mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(5) Żball fin-nomenklatura fir-rigward ta' *Lamprotornis regius* elenkat fl-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandu jiġi kkoreġut.

(6) Minħabba l-għadd ta' emendi jixraq li, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jinbidel fl-intier tiegħu.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 338/97 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi stabbilit skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D**

1. L-ispeċijiet inklużi fl-Annessi A, B, C u D issir referenza għalihom:

   (a) skont l-isem tal-ispeċi; jew

   (b) bħala li huma l-ispeċijiet kollha inklużi fi grupp tassonomiku ogħla jew parti denominata tiegħu.

2. It-taqsira "spp." tintuża sabiex tindika l-ispeċijiet kollha ta' grupp tassonomiku ogħla.

3. Referenzi oħrajn għal gruppi tassonomiċi ogħla mill-ispeċi huma għall-finijiet ta' informazzjoni jew ta' klassifika biss.

4. L-ispeċijiet stampati b'tipi grassa fl-Anness A huma elenkati hemm b'konsistenza mal-protezzjoni tagħhom kif previst fid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament u tal-Kunsill ([1]) jew id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]).

5. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw għal gruppi tassonomiċi tal-pjanti taħt il-livell ta' speċi:

   (a) 'ssp.' tintuża sabiex tindika subspeċi;

   (b) 'var(s).' tintuża sabiex tindika varjetà (varjetajiet); u

   (c) 'fa.' tintuża sabiex tindika forma.

6. Is-simboli "(I)", "(II)" u "(III)" imqiegħda mal-isem ta' speċi jew grupp tassonomiku ogħla jirreferu għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni fejn l-ispeċijiet ikkonċernati huma elenkati kif indikat fin-noti 7, 8 u 9. Meta ma tidher l-ebda waħda minn dawn l-annotazzjonijiet, l-ispeċijiet ikkonċernati ma jkunux elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

7. (I) mal-isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika illi l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla kkonċernat huma inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

8. (II) mal-isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika li l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla kkonċernat huma inklużi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni.

9. (III) mal-isem ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla jindika li huma inklużi fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni. F'dan il-każ jiġi indikat ukoll il-pajjiż li fir-rigward tiegħu huma inklużi fl-Appendiċi III l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla.

10. "Kultivar" tfisser, b'segwitu għad-definizzjoni tat-8 edizzjoni tal-*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*, grupp ta' pjanti li (a) ingħażel minħabba karatteristika jew kombinazzjoni ta' karatteristiċi partikolari, (b) huwa distint, uniformi u stabbli f'dawn il-karatteristiċi, u (c) meta ppropagat b'mezzi xierqa, iżomm dawk il-karatteristiċi. L-ebda grupp tassonomiku ġdid ta' kultivar ma jista' jitqies hekk sakemm l-isem tal-kategorija u ċ-ċirkoskrizzjoni tiegħu jkunu ġew formalment ippubblikati fl-aħħar edizzjoni tal-*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*.

11. L-ibridi jistgħu jiġu inklużi speċifikament fl-Appendiċijiet iżda biss jekk jiffurmaw popolazzjonijiet distinti u stabbli fis-selvaġġ. L-annimali ibridi li, fl-erba' ġenerazzjonijiet preċedenti fil-linja tan-nisel tagħhom, għandhom eżemplar wieħed jew aktar tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A jew B, għandhom ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament daqs li kieku kienu speċijiet kompluti, anke jekk l-ibridu kkonċernat ma jkunx inkluż speċifikament fl-Annessi.

12. Meta xi speċi jkun inkluż fl-Anness A, B jew C, il-partijiet u d-derivati kollha tal-ispeċi jiġu inklużi wkoll fl-istess Anness, għajr fil-każ meta l-ispeċi ikun annotat b'indikazzjoni li huma inklużi biss partijiet u derivati speċifiċi. Skont l-Artikolu 2(t), is-simbolu "#" segwit minn numru mqiegħed mal-isem ta' speċi jew grupp tassonomiku ogħla inkluż fl-Anness B jew C jiddenomina partijiet jew derivati li huma speċifikati fir-rigward tagħhom għall-finijiet tar-Regolament kif ġej:

    #1 Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

    (a) żrieragħ, spori u għabra tad-dakra (inkluż l-pollinja);

([1]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

(b) kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) fjuri maqtugħa tal-pjanti ppropagati b'mod artifiċjali; u

(d) frott u partijiet u derivati tagħhom ta' pjanti tal-ġeneru *Vanilla* ppropagati b'mod artifiċjali.

#2 Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) żrieragħ u għabra tad-dakra; u

(b) prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#3 Jiddenomina għeruq sħaħ jew maqtugħin jew partijiet ta' għeruq, bl-esklużjoni tal-partijiet u d-derivati manifatturati, bħall-frak, pilloli, estratti, toniċi, tejiet u konfezzjonijiet.

#4 Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) żrieragħ (inkluż il-kapsoli taż-żrieragħ tal-Orchidaceae), spori u għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja). L-eżenzjoni ma tapplikax għal żrieragħ mill-Cactaceae spp. esportati mill-Messiku, u għaż-żrieragħ minn *Beccariophoenix madagascariensis* u *Neodypsis decaryi* esportati mill-Madagascar;

(b) kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) fjuri maqtugħa tal-pjanti ppropagati b'mod artifiċjali;

(d) frott u partijiet u derivati tagħhom, ta' pjanti naturalizzati jew ippropagati b'mod artifiċjali tal-ġeneru *Vanilla* (Orchidaceae) u l-familja Cactaceae;

(e) zkuk, fjuri, u partijiet u derivati tagħhom ta' pjanti tal-ġeneru *Opuntia* subġeneru *Opuntia* u *Selenicereus* (Cactaceae) naturalizzati jew ippropagati b'mod artifiċjali; u

(f) prodotti lesti ta' *Euphorbia antisyphilitica* ppakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#5 Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetta.

#6 Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta u l-plywood.

#7 Jiddenomina z-zkuk, il-biċċiet tal-injam, il-frak u l-estratti.

#8 Jiddenomina il-partijiet ta' taħt wiċċ l-art (jiġifieri l-għeruq, ir-riżomi): sħaħ, partijiet u frak.

#9 Jiddenomina il-partijiet u d-derivati kollha, għajr dawk li għandhom it-tikketta 'Prodott minn materjal *Hoodia* spp. miksub permezz ta' ħsad u produzzjoni kontrollati skont it-termini tal-ftehim mal-Awtorità ta' Ġestjoni tas-CITES tal-[Botswana skont il-ftehim Nru BW/xxxxxx] [in-Namibja skont il-ftehim Nru NA/xxxxxx] [l-Afrika t'Isfel skont il-Ftehim Nru ZA/xxxxxx] rilevanti'.

#10 Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, inkluż oġġetti tal-injam mhux kompluti li jintużaw għall-manifattura ta' arkijiet ta' strumenti mużikali tal-korda.

#11 Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, il-plywood, il-frak u l-estratti.

#12 Jiddenomina z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetta, il-plywood u l-estratti. Prodotti lesti li fihom tali estratti bħall-ingredjenti, inkluż il-fwejjaħ, mhumiex ikkunsidrati li huma koperti minn din l-annotazzjoni.

#13 Jiddenomina l-qalba (magħrufa wkoll bħala "endosperma", "polpa" jew "kopra") u kull derivat tagħha.

#14 Jiddenomina l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) żrieragħ u għabra tad-dakra;

(b) kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

c) frott;

d) weraq;

e) frak tal-injam tal-agar spiċċut, inkluż frak kompressat f'kull tip ta' forma; u

f) prodotti lesti ppakkjati u lesti għall-kummerċ bl-imnut, din l-eżenzjoni ma tapplikax għaż-żibeġ, żibeġ tat-talb u tinqix.

13. It-termini u l-espressjonijiet hawn taħt, użati fl-Annotazzjonijiet f'dawn l-Annessi, huma definiti kif ġej:

**Estratt**

Kwalunkwe sustanza miksuba direttament mill-materjal tal-pjanti permezz ta' mezzi fiżiċi jew kimiċi jkun xi jkun il-proċess ta' manifattura. Estratt jista' jkun solidu (eż. kristalli, reżina, partikoli fini jew raffi), semi solidu (eż. gomma, xemgħa) jew likwidu (eż. soluzzjonijiet, tinturi, żejt u żjut essenzjali).

**Prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut**

Prodotti, ittrasportati waħedhom jew bl-ingrossa, li ma jirrikjedux iktar proċessar, ippakkjar, tikkettati għall-użu finali jew il-bejgħ bl-imnut fi stat li huwa tajjeb għall-bejgħ jew użati mill-pubbliku ġenerali.

**Frak**

Sustanza niexfa, solida fil-forma ta' partikoli fini jew raffi.

**Biċċiet tal-injam**

Injam li tkisser f'biċċiet żgħar.

14. Billi l-ebda mill-ispeċijiet jew gruppi tassonomiċi ogħla ta' FLORA inklużi fl-Anness A ma huma annotati biex l-ibridi tagħhom jiġu ttrattati skont l-Artikolu 4(1), dan ifisser li l-ibridi ppropagati b'mod artifiċjali prodotti minn wieħed jew iktar minn dawn l-ispeċijiet jew gruppi tassonomiċi jistgħu jiġu nnegozjati b'ċertifikat ta' propagazzjoni artifiċjali, u li ż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja), il-fjuri maqtugħa, il-kulturi ta' nebbieta jew ta' tessuti tal-pjanti miksuba *in vitro*, f'medja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili ta' dawn l-ibridi mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament.

15. L-urina, il-feċi u l-ambra griża li huma prodotti tal-iskart u miksuba mingħajr il-manipulazzjoni tal-annimal konċernat, mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament.

16. Fir-rigward tal-ispeċijiet tal-fawna elenkati fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin u sħaħ, jew sostanzjalment sħaħ, eżemplari mejtin għajr għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej sabiex juru li huma koperti wkoll partijiet u derivati oħrajn:

§ 1 Kwalunkwe ġilda sħiħa, jew sostanzjalment sħiħa, mhux maħduma jew ikkunzata.

§ 2 Kwalunkwe rix jew kwalunkwe ġilda jew parti oħra bir-rix fuqha.

17. Fir-rigward tal-ispeċijiet tal-flora elenkati fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin, għajr għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej sabiex juru li huma koperti wkoll partijiet u derivati oħrajn:

§ 3 Pjanti mnixxfa jew friski, inklużi, fejn xieraq; weraq, għeruq/għeruq li jintużaw għat-tilqim, żrieragħ/spori, qoxra u frott.

§ 4 Zkuk, injam isserrat u fuljetta.

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | **FAWNA** | | |
| | | CHORDATA (KORDATI) | | |
| **MAMMALIA** | | | | **Mammiferi** |
| ARTIODACTYLA | | | | |
| **Antilocapridae** | | | | **Antilop mogħża muqran** |
| | *Antilocapra americana* (I) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra ma hija inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | | Antilop mogħża muqran Messikan |
| **Bovidae** | | | | **Antilopi, bhejjem tal-ifrat, duikers, għażżiela, mogħoż, nagħaġ, eċċ.** |
| | *Addax nasomaculatus* (I) | | | Addax |
| | | *Ammotragus lervia* (II) | | Nagħaġ tal-Barberija |
| | | | *Antilope cervicapra* (III in-Nepal / il-Pakistan) | Antilop Indjan |
| | | *Bison bison athabascae* (II) | | Gemus tal-muntanji |
| | *Bos gaurus* (I) (Jeskludi l-forma domestikata magħrufa bħala *Bos frontalis*, li mhix suġġetta għal dan ir-Regolament) | | | Gaur |
| | *Bos mutus* (I) (Jeskludi l-forma domestikata magħrufa bħala *Bos grunniens*, li mhix suġġetta għal dan ir-Regolament) | | | Jakk selvaġġ |
| | *Bos sauveli* (I) | | | Kouprey |
| | | | *Boselaphus tragocamelus* (III il-Pakistan) | Nilgai |
| | | | *Bubalus arnee* (III in-Nepal) (Jeskludi l-forma domestikata magħrufa bħala *Bubalus bubalis*, li mhix suġġetta għal dan ir-Regolament) | Buflu Asjatiku selvaġġ |
| | *Bubalus depressicornis* (I) | | | Anoa tal-pjanura |
| | *Bubalus mindorensis* (I) | | | Tamarau |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Bubalus quarlesi* (I) | | | Anoa tal-muntanji |
| | | *Budorcas taxicolor* (II) | | Takin |
| | *Capra falconeri* (I) | | | Markhor |
| | | | *Capra hircus aegagrus* (III il-Pakistan) (Eżemplari tal-forma domestika mhumiex suġġetti għal dan ir-Regolament) | Mogħża selvaġġa |
| | | | *Capra sibirica* (III il-Pakistan) | Ibex tas-Siberja |
| | *Capricornis milneedwardsii* (I) | | | Serow Ċiniż |
| | *Capricornis rubidus* (I) | | | Serow aħmar |
| | *Capricornis sumatraensis* (I) | | | Serow tas-Sumatra |
| | *Capricornis thar* (I) | | | Serow tal-Ħimalaja |
| | | *Cephalophus brookei* (II) | | Duiker ta' Brooke |
| | | *Cephalophus dorsalis* (II) | | Duiker tal-bajja |
| | *Cephalophus jentinki* (I) | | | Duiker ta' Jentink |
| | | *Cephalophus ogilbyi* (II) | | Duiker ta' Ogilby |
| | | *Cephalophus silvicultor* (II) | | Duiker dahru isfar |
| | | *Cephalophus zebra* (II) | | Duiker żebra |
| | | *Damaliscus pygargus pygargus* (II) | | Bontebok |
| | | | *Gazella bennettii* (III il-Pakistan) | Chinkara |
| | *Gazella cuvieri* (I) | | | Għażżiela ta' Cuvier |
| | | | *Gazella dorcas* (III l-Alġerija / it-Tuneżija) | Għażżiela Dorcas |
| | *Gazella leptoceros* (I) | | | Għażżiela qrunha rqajjaq |
| | *Hippotragus niger variani* (I) | | | Antilop ġgant iswed |
| | | *Kobus leche* (II) | | Lechwe |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Naemorhedus baileyi* (I) | | | Goral aħmar |
| | *Naemorhedus caudatus* (I) | | | Goral denbu twil |
| | *Naemorhedus goral* (I) | | | Goral tal-Ħimalaja |
| | *Naemorhedus griseus* (I) | | | Goral Ċiniż |
| | *Nanger dama* (I) | | | Għażżiela Dama |
| | *Oryx dammah* (I) | | | Oriċi qrunu ximitarra |
| | *Oryx leucoryx* (I) | | | Oriċi tal-Arabja |
| | | *Ovis ammon* (II) (Għajr għas-subspeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Argali |
| | *Ovis ammon hodgsonii* (I) | | | Argali Tibetan |
| | *Ovis ammon nigrimontana* (I) | | | Argali Kara Tau |
| | | *Ovis canadensis* (II) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra ma hija inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | Nagħġa qrunha kbir tal-Messiku |
| | *Ovis orientalis ophion* (I) | | | Muflun ta' Ċipru |
| | | *Ovis vignei* (II) (Għajr għas-subspeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Urial |
| | *Ovis vignei vignei* (I) | | | Urial tal-Ladakh |
| | *Pantholops hodgsonii* (I) | | | Chiru |
| | | *Philantomba monticola* (II) | | Duiker ikħal |
| | | | *Pseudois nayaur* (III il-Pakistan) | Bharal |
| | *Pseudoryx nghetinhensis* (I) | | | Saola |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | ***Rupicapra pyrenaica ornata* (II)** | | | Kamoxx tal-Abruzzo |
| | | *Saiga borealis* (II) | | Saiga tal-Mongolja |
| | | *Saiga tatarica* (II) | | Saiga tal-isteppa |
| | | | *Tetracerus quadricornis* (III in-Nepal) | Antilop b'erbat iqrun |
| **Camelidae** | | | | **Iġmla, guanaco, vicuña** |
| | | *Lama guanicoe* (II) | | Guanaco |
| | *Vicugna vicugna* (I) (Għajr għall-popolazzjonijiet ta': l-Arġentina [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy u Catamarca u l-popolazzjonijiet f'semi kattività tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; il-Bolivja [il-popolazzjoni kollha]; iċ-Ċilì [il-popolazzjoni ta' Primera Región]; l-Ekwador [il-popolazzjoni kollha] u l-Perù [il-popolazzjoni kollha]; li huma inklużi fl-Anness B) | *Vicugna vicugna* (II) (Il-popolazzjonijiet tal-**Arġentina biss** (1) [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy u Catamarca u l-popolazzjonijiet f'semi kattività tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; **il-Bolivja** (2) [il-popolazzjoni kollha]; **iċ-Ċilì** (3) [il-popolazzjoni ta' Primera Región]; **l-Ekwador** (4) [il-popolazzjoni kollha] u **l-Perù** (5) [il-popolazzjoni kollha]; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness A) | | Vicuña |
| **Cervidae** | | | | **Ċerv, huemul, muntjak, pudu** |
| | *Axis calamianensis* (I) | | | Ċerv tal-Kalamjan |
| | *Axis kuhlii* (I) | | | Ċerv ta' Bawean |
| | | | *Axis porcinus* (III il-Pakistan (Għajr għas-subspeċijiet inklużi fl-Anness A)) | Ċerv porċin |
| | *Axis porcinus annamiticus* (I) | | | Ċerv porċin tal-Indoċina |
| | *Blastocerus dichotomus* (I) | | | Ċerv tal-bur |
| | | *Cervus elaphus bactrianus* (II) | | Ċerv Baktrijan |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | | *Cervus elaphus barbarus* (III l-Alġerija / it-Tuneżija) | Ċerv tal-Barberija |
| | *Cervus elaphus hanglu* (I) | | | Hangul |
| | *Dama dama mesopotamica* (I) | | | Ċerv ħamrani Persjan |
| | *Hippocamelus* spp. (I) | | | Huemuls |
| | | | *Mazama temama cerasina* (III il-Gwatemala) | Mażama ħamra tal-Amerka Ċentrali |
| | *Muntiacus crinifrons* (I) | | | Muntjak iswed |
| | *Muntiacus vuquangensis* (I) | | | Muntjak ġgant |
| | | | *Odocoileus virginianus mayensis* (III il-Gwatemala) | Ċerv denbu abjad tal-Gwatemala |
| | *Ozotoceros bezoarticus* (I) | | | Ċerv tal-Pampas |
| | | *Pudu mephistophiles* (II) | | Pudu tat-Tramuntana |
| | *Pudu puda* (I) | | | Pudu tan-Nofsinhar |
| | *Rucervus duvaucelii* (I) | | | Barasingha |
| | *Rucervus eldii* (I) | | | Ċerv ta' Eld |
| **Hippopotamidae** | | | | **Ippopotami** |
| | | *Hexaprotodon liberiensis* (II) | | Ippopotamu pigmew |
| | | *Hippopotamus amphibius* (II) | | Ippopotamu komuni |
| **Moschidae** | | | | **Ċerv tal-misk** |
| | *Moschus* spp. (I) (Il-popolazzjonijiet tal-Afganistan, il-Bhutan, l-India, il-Myanmar, in-Nepal u l-Pakistan biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | *Moschus* spp. (II) (Għajr għall-popolazzjonijiet tal-Afganistan, il-Butan, l-Indja, il-Myanmar, in-Nepal u l-Pakistan, li huma inklużi fl-Anness A) | | Ċerv tal-misk |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Suidae** | | | | **Babirusa, qżieqeż, ħnieżer** |
| | *Babyrousa babyrussa* (I) | | | Babirusa ta' Buru |
| | *Babyrousa bolabatuensis* (I) | | | Babirusa ta' Bola Batu |
| | *Babyrousa celebensis* (I) | | | Babirusa tas-Sulawesi tat-Tramuntana |
| | *Babyrousa togeanensis* (I) | | | Babirusa ta' Malenge |
| | *Sus salvanius* (I) | | | Qażquż pigmew |
| **Tayassuidae** | | | | **Pekari** |
| | | Tayassuidae spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u esklużi l-popolazzjonijiet ta' *Pecari tajacu* tal-Messiku u l-Istati Uniti, li mhumiex inklużi fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | Pekari |
| | *Catagonus wagneri* (I) | | | Pekari Ċakoan |
| CARNIVORA | | | | |
| **Ailuridae** | | | | |
| | *Ailurus fulgens* (I) | | | Panda ħamra |
| **Canidae** | | | | **Klieb, volpi, lupi** |
| | | | *Canis aureus* (III l-Indja) | Ġakall dehbi |
| | ***Canis lupus* (I/II)**<br>(Il-popolazzjonijiet kollha għajr dawk ta' Spanja fit-Tramuntana ta' Duero u l-Greċja fit-Tramuntana tad-39 parallel. Il-popolazzjonijiet tal-Bhutan, l-Indja, in-Nepal u l-Pakistan huma elenkati fl-Appendiċi I; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma elenkati fl-Appendiċi II. Jeskludu l-forma domestikata u d-dingo li ssir referenza għalihom bħala *Canis lupus familiaris u Canis lupus dingo*) | *Canis lupus* (II) (Il-popolazzjonijiet ta' Spanja fit-Tramuntana ta' Duero u l-Greċja fit-Tramuntana tad-39 parallel. Jeskludu l-forma domestikata u d-dingo li ssir referenza għalihom bħala *Canis lupus familiaris u Canis lupus dingo*) | | Lupu griż |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Canis simensis* | | | Lupu tal-Etjopja |
| | | *Cerdocyon thous* (II) | | Volpi wikkiel il-granċi |
| | | *Chrysocyon brachyurus* (II) | | Lupu tal-kriniera |
| | | *Cuon alpinus* (II) | | Kelb selvaġġ tal-Asja |
| | | *Lycalopex culpaeus* (II) | | Culpeo |
| | | *Lycalopex fulvipes* (II) | | Volpi ta' Darwin |
| | | *Lycalopex griseus* (II) | | Volpi griż tal-Amerka t'Isfel |
| | | *Lycalopex gymnocercus* (II) | | Volpi tal-pampas |
| | *Speothos venaticus* (I) | | | Kelb tal-buxx |
| | | | *Vulpes bengalensis* (III l-Indja) | Volpi Bengali |
| | | *Vulpes cana* (II) | | Volpi ta' Blanford |
| | | *Vulpes zerda* (II) | | Volpi fennec |
| **Eupleridae** | | | | |
| | | *Cryptoprocta ferox* (II) | | Fossa |
| | | *Eupleres goudotii* (II) | | Falanouc |
| | | *Fossa fossana* (II) | | Żibett tal-Malagasy |
| **Felidae** | | | | **Qtates, ċiti, leopardi, iljuni, tigri, eċċ.** |
| | | Felidae spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A. Eżemplari tal-forma domestikata mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament) | | Qtates |
| | *Acinonyx jubatus* (I) (Il-kwoti tal-esportazzjoni annwali għall-eżemplari ħajjin u t-trofej tal-kaċċa jingħataw kif ġej:: il-Botswana: 5; in-Namibja: 150; iż-Żimbabwe: 50. Il-kummerċ f'dawn l-eżemplari huwa soġġett għall-Artikolu 4(1)) | | | Ċita |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Caracal caracal* (I) (Il-popolazzjoni tal-Asja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Karakall tal-Asja |
| | *Catopuma temminckii* (I) | | | Qattus dehbi tal-Asja |
| | *Felis nigripes* (I) | | | Qattus saqajh suwed |
| | ***Felis silvestris* (II)** | | | Qattus selvaġġ |
| | *Leopardus geoffroyi* (I) | | | Qattus ta' Goeffroy |
| | *Leopardus jacobitus* (I) | | | Qattus tal-muntanji Andini |
| | *Leopardus pardalis* (I) | | | Oselot |
| | *Leopardus tigrinus* (I) | | | Onċilla |
| | *Leopardus wiedii* (I) | | | Margay |
| | ***Lynx lynx* (II)** | | | Linċi tal-Eurasja |
| | *Lynx pardinus* (I) | | | Linċi tal-Iberja |
| | *Neofelis nebulosa* (I) | | | Leopard musħab |
| | *Panthera leo persica* (I) | | | Iljun tal-Asja |
| | *Panthera onca* (I) | | | Ġagwar |
| | *Panthera pardus* (I) | | | Leopard |
| | *Panthera tigris* (I) | | | Tigra |
| | *Pardofelis marmorata* (I) | | | Qattus imraħħam |
| | *Prionailurus bengalensis bengalensis* (I) (Il-popolazzjonijiet tal-Bangladesh, l-Indja u t-Tajlandja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Qattus leopard tal-Bengal |
| | *Prionailurus iriomotensis* (II) | | | Qattus ta' Iriomote |
| | *Prionailurus planiceps* (I) | | | Qattus ta' rasu ċatta |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Prionailurus rubiginosus* (I) (Il-popolazzjoni tal-Indja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Qattus bit-tikek lewn is-sadid |
| | *Puma concolor coryi* (I) | | | Kugar ta' Florida |
| | *Puma concolor costaricensis* (I) | | | Kugar tal-Kosta Rika |
| | *Puma concolor couguar* (I) | | | Kugar tal-Lvant |
| | *Puma yagouaroundi* (I) (Il-popolazzjonijiet tal-Amerka Ċentrali u l-Amerka ta' Fuq biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Jaguarundi |
| | *Uncia uncia* (I) | | | Leopard tas-silġ |
| **Herpestidae** | | | | **Mangusi** |
| | | | *Herpestes edwardsi* (III l-Indja / il-Pakistan) | Mangus griż tal-Indja |
| | | | *Herpestes fuscus* (III l-Indja) | Mangus kannella tal-Indja |
| | | | *Herpestes javanicus* (III il-Pakistan) | Mangus żgħir tal-Asja |
| | | | *Herpestes javanicus auropunctatus* (III l-Indja) | Mangus żgħir tal-Indja |
| | | | *Herpestes smithii* (III l-Indja) | Mangus ħamrani |
| | | | *Herpestes urva* (III l-Indja) | Mangus wikkiel il-granċijiet |
| | | | *Herpestes vitticollis* (III l-Indja) | Mangus għonqu strixxat |
| **Hyaenidae** | | | | **Proteli, jeni** |
| | | | *Hyaena hyaena* (III il-Pakistan) | Jena bl-istrixxi |
| | | | *Proteles cristata* (III il-Botswana) | Proteli |
| **Mephitidae** | | | | **Skanks** |
| | | *Conepatus humboldtii* (II) | | Skank ta' Humboldt |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Mustelidae** | | | | **Baġers, martori, ballottri, eċċ.** |
| **Lutrinae** | | | | **Lontri** |
| | | Lutrinae spp.(II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Lontri |
| | *Aonyx capensis microdon* (I) (Il-popolazzjonijiet tal-Kamerun u tan-Niġerja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Lontra bla dwiefer tal-Kamerun |
| | *Enhydra lutris nereis* (I) | | | Lontra tal-Baħar tan-Nofsinhar |
| | *Lontra felina* (I) | | | Lontra tal-baħar |
| | *Lontra longicaudis* (I) | | | Lontra neotropikali |
| | *Lontra provocax* (I) | | | Lontra tax-xmara tan-Nofsinhar |
| | *Lutra lutra* (I) | | | Lontra tal-Ewropa |
| | *Lutra nippon* (I) | | | Lontra Ġappuniża |
| | *Pteronura brasiliensis* (I) | | | Lontra ġganta |
| **Mustelinae** | | | | **Griġjuni, martori, tayra, ballottri** |
| | | | *Eira barbara* (III il-Ħonduras) | Tayra |
| | | | *Galictis vittata* (III il-Kosta Rika) | Griġjun kbir |
| | | | *Martes flavigula* (III l-Indja) | Martori ta' għonqu isfar |
| | | | *Martes foina intermedia* (III l-Indja) | Martora foina |
| | | | *Martes gwatkinsii* (III l-Indja) | Martori tan-Nilgiri |
| | | | *Mellivora capensis* (III il-Botswana) | Baġer tal-għasel |
| | *Mustela nigripes* (I) | | | Nemes ta' saqajh suwed |
| **Odobenidae** | | | | **Walrus** |
| | | *Odobenus rosmarus* (III il-Kanada) | | Walrus |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Otariidae** | | | | **Foki muswafa, iljuni tal-baħar** |
| | | *Arctocephalus* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Foki muswafa |
| | *Arctocephalus philippii* (II) | | | Foki muswafa ta’ Juan Fernández |
| | *Arctocephalus townsendi* (I) | | | Foki muswafa ta’ Gwadalupe |
| **Phocidae** | | | | **Foki** |
| | | *Mirounga leonina* (II) | | Mirunga tan-Nofsinhar |
| | *Monachus* spp. (I) | | | Bumerini |
| **Procyonidae** | | | | **Coati, olingo** |
| | | | *Bassaricyon gabbii* (III il-Kosta Rika) | Olingo |
| | | | *Bassariscus sumichrasti* (III il-Kosta Rika) | Cacomistle |
| | | | *Nasua narica* (III il-Ħonduras) | Koati ta’ mnieħru abjad |
| | | | *Nasua nasua solitaria* (III l-Urugwaj) | Koati tal-Brażil tan-Nofsinhar |
| | | | *Potos flavus* (III il-Ħonduras) | Kinkajou |
| **Ursidae** | | | | **Orsijiet** |
| | | Ursidae spp.(II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Orsijiet |
| | *Ailuropoda melanoleuca* (I) | | | Panda ġgant |
| | *Helarctos malayanus* (I) | | | Ors tax-xemx |
| | *Melursus ursinus* (I) | | | Ors slott |
| | *Tremarctos ornatus* (I) | | | Ors tan-nuċċali |
| | ***Ursus arctos* (I/II)** (Il-popolazzjonijiet tal-Butan, iċ-Ċina, il-Messiku u l-Mongolja u s-subspeċi *Ursus arctos isabellinus* biss huma elenkati fl-Appendiċi I; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma elenkati fl-Appendiċi II) | | | Ors kannella |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Ursus thibetanus* (I) | | | Ors iswed tal-Asja |
| **Viverridae** | | | | **Binturong, żibetti, linsangs, żibetti lontri, żibetti tal-palmi** |
| | | | *Arctictis binturong* (III l-Indja) | Binturong |
| | | | *Civettictis civetta* (III il-Botswana) | Żibett tal-Afrika |
| | | *Cynogale bennettii* (II) | | Żibett lontra |
| | | *Hemigalus derbyanus* (II) | | Żibett tal-palmi strixxat |
| | | | *Paguma larvata* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi maskerat |
| | | | *Paradoxurus hermaphroditus* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi Asjatiku |
| | | | *Paradoxurus jerdoni* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi ta' Jerdon |
| | | *Prionodon linsang* (II) | | Linsang strixxat |
| | *Prionodon pardicolor* (I) | | | Linsang bit-tikek |
| | | | *Viverra civettina* (III l-Indja) | Żibett tal-Malabar b'tikek kbar |
| | | | *Viverra zibetha* (III l-Indja) | Żibett kbir tal-Indja |
| | | | *Viverricula indica* (III l-Indja) | Żibett żgħir tal-Indja |
| CETACEA | | | | **Ċetaċei (dniefel, foċeni, balieni)** |
| | **CETACEA** spp. (I/II) ([6]) | | | Ċetaċei |
| CHIROPTERA | | | | |
| **Phyllostomidae** | | | | **Friefet il-lejl imneħirhom wiesa'** |
| | | | *Platyrrhinus lineatus* (III l-Urugwaj) | Farfett il-lejl b'faxx abjad |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Pteropodidae** | | | | **Friefet il-lejl tal-frott, volpi jtiru** |
| | | *Acerodon* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Volpi jtiru |
| | *Acerodon jubatus* (I) | | | Farfett il-lejl tal-frott rasu dehbija |
| | | *Pteropus* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u għajr għal Pteropus brunneus.) | | Volpi jtiru |
| | *Pteropus insularis* (I) | | | Volpi jtir ta' Ruck |
| | *Pteropus livingstonii* (II) | | | Volpi jtir tal-Komoro |
| | *Pteropus loochoensis* (I) | | | Volpi jtir Ġappuniż |
| | *Pteropus mariannus* (I) | | | Volpi jtir tal-Marianas |
| | *Pteropus molossinus* (I) | | | Volpi jtir Caroline |
| | *Pteropus pelewensis* (I) | | | Volpi jtir tal-Gżejjer Pelew |
| | *Pteropus pilosus* (I) | | | Volpi jtir kbir tal-Gżejjer Pelew |
| | *Pteropus rodricensis* (II) | | | Volpi jtir ta' Rodrigues |
| | *Pteropus samoensis* (I) | | | Volpi jtir tas-Samoa |
| | *Pteropus tonganus* (I) | | | Volpi jtir tal-Paċifiku |
| | *Pteropus ualanus* (I) | | | Volpi jtir ta' Kosrae |
| | *Pteropus voeltzkowi* (II) | | | Volpi jtir ta' Pemba |
| | *Pteropus yapensis* (I) | | | Volpi jtir ta' Yap |
| CINGULATA | | | | |
| **Dasypodidae** | | | | **Armadilli** |
| | | | *Cabassous centralis* (III il-Kosta Rika) | Armadillo denbu għeri tat-Tramuntana |
| | | | *Cabassous tatouay* (III l-Urugwaj) | Armadillo kbir ta' denbu għeri |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | *Chaetophractus nationi* (II) (Ġiet stabbilita kwota annwali tal-esportazzjoni ta' żero. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan) | | Armadillo muxgħar tal-Andi |
| | *Priodontes maximus* (I) | | | Armadillo ġgant |
| DASYUROMORPHIA | | | | |
| **Dasyuridae** | | | | **Dunnarts, ġrieden marsupjali, planigales** |
| | *Sminthopsis longicaudata* (I) | | | Dunnart ta' denbu twil |
| | *Sminthopsis psammophila* (I) | | | Dunnart tad-deżert |
| DIPROTODONTIA | | | | |
| **Macropodidae** | | | | **Kangurijiet, wallabies** |
| | | *Dendrolagus inustus* (II) | | Kanguru tas-siġar griż |
| | | *Dendrolagus ursinus* (II) | | Kanguru tas-siġar orsin |
| | *Lagorchestes hirsutus* (I) | | | Wallaby liebru ta' Rufous |
| | *Lagostrophus fasciatus* (I) | | | Wallaby liebru strixxat |
| | *Onychogalea fraenata* (I) | | | Wallaby denbu mdiffer strixxat |
| **Phalangeridae** | | | | **Kuskus** |
| | | *Phalanger intercastellanus* (II) | | Kuskus komuni tal-Lvant |
| | | *Phalanger mimicus* (II) | | Kuskus komuni tan-Nofsinhar |
| | | *Phalanger orientalis* (II) | | Kuskus komuni tat-Tramuntana |
| | | *Spilocuscus kraemeri* (II) | | Kuskus tal-Gżira Admiralty |
| | | *Spilocuscus maculatus* (II) | | Kuskus komuni bit-tikek |
| | | *Spilocuscus papuensis* (II) | | Kuskus ta' Waigeou |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Potoroidae** | | | | **Kangurijiet far** |
| | *Bettongia* spp. (I) | | | Bettongi |
| **Vombatidae** | | | | **Wombats** |
| | *Lasiorhinus krefftii* (I) | | | Wombat imnieħru muxgħar tat-Tramuntana |
| LAGOMORPHA | | | | |
| **Leporidae** | | | | **Liebri, fniek** |
| | *Caprolagus hispidus* (I) | | | Liebru mlanżat |
| | *Romerolagus diazi* (I) | | | Fenek tal-vulkan |
| MONOTREMATA | | | | |
| **Tachyglossidae** | | | | **Echidnas, wikkiel in-nemel imxewwek** |
| | | *Zaglossus* spp. (II) | | Echidna geddumu twil |
| PERAMELEMORPHIA | | | | |
| **Peramelidae** | | | | |
| | *Perameles bougainville* (I) | | | Bandicoot strixxat tal-Punent |
| **Thylacomyidae** | | | | |
| | *Macrotis lagotis* (I) | | | Bilby kbir |
| PERISSODACTYLA | | | | |
| **Equidae** | | | | **Żwiemel, ħmir selvaġġi, żebri** |
| | *Equus africanus* (I) (Jeskludi l-forma domestikata magħrufa bħala *Equus asinus*, li mhix soġġetta għal dan ir-Regolament) | | | Ħmar selvaġġ tal-Afrika |
| | *Equus grevyi* (I) | | | Żebra ta' Grévy |
| | *Equus hemionus* (I/II) (L-ispeċi hija elenkata fl-Appendiċi II iżda s-subspeċijiet *Equus hemionus hemionus* u *Equus hemionus khur* huma elenkati fl-Appendiċi I) | | | Ħmar selvaġġ tal-Asja |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Equus kiang* (II) | | | Kiang |
| | *Equus przewalskii* (I) | | | Żiemel ta' Przewalski |
| | | *Equus zebra hartmannae* (II) | | Żebra tal-muntanji ta' Hartmann |
| | *Equus zebra zebra* (I) | | | Żebra tal-muntanji tal-Kap tal-Afrika |
| **Rhinocerotidae** | | | | **Rinoċeronti** |
| | *Rhinocerotidae* spp (I) (Għajr għas-subspeċijiet inklużi fl-Anness B) | | | Rinoċeronti |
| | | *Ceratotherium simum simum* (II) (Il-popolazzjonijiet tal-Afrika t'Isfel u tas-Swaziland biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness A. Għal għan waħdieni li jippermetti l-kummerċ internazzjonali f'annimali ħajjin għal destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli u kummerċ fit-trofej tal-kaċċa. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan) | | Rinoċeronti abjad tan-Nofsinhar |
| **Tapiridae** | | | | **Tapiri** |
| | *Tapiridae* spp.(I) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness B) | | | Tapiri |
| | | *Tapirus terrestris* (II) | | Tapir tal-Amerka t'Isfel |
| PHOLIDOTA | | | | |
| **Manidae** | | | | **Pangolini** |
| | | *Manis* spp. (II)<br>(Ġiet stabbilita kwota annwali tal-esportazzjoni ta' żero għal *Manis crassicaudata, Manis culionensis, Manis javanica u Manis pentadactyla* għall-eżemplari li jitneħħew mis-selvaġġ u jinbiegħu għal skopijiet primarjament kummerċjali) | | Pangolini |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| PILOSA | | | | |
| **Bradypodidae** | | | | **Folivori bi tliet iswaba'** |
| | | *Bradypus pygmaeus* (II) | | Folivoru pigmew bi tliet iswaba' |
| | | *Bradypus variegatus* (II) | | Folivoru għonqu kannella |
| **Megalonychidae** | | | | **Folivori b'żewġt iswaba'** |
| | | | *Choloepus hoffmanni* (III il-Kosta Rika) | Folivoru ta' Hoffmann b'żewġt iswaba' |
| **Myrmecophagidae** | | | | **Wikkiel in-nemel tal-Amerka** |
| | | *Myrmecophaga tridactyla* (II) | | Wikkiel in-nemel kbir |
| | | | *Tamandua mexicana* (III il-Gwatemala) | Tamandua tat-Tramuntana |
| PRIMATI | | | | **Primati (xadin u xadini)** |
| | | PRIMATES spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Primati |
| **Atelidae** | | | | **Miċeti, ateli** |
| | *Alouatta coibensis* (I) | | | Miċete tal-Gżira ta' Coiba |
| | *Alouatta palliata* (I) | | | Miċete tal-mantell |
| | *Alouatta pigra* (I) | | | Miċete iswed tal-Gwatemala |
| | *Ateles geoffroyi frontatus* (I) | | | Atele ta' ħuġbejh suwed |
| | *Ateles geoffroyi panamensis* (I) | | | Atele brimba aħmar |
| | *Brachyteles arachnoides* (I) | | | Muriqui tan-Nofsinhar |
| | *Brachyteles hypoxanthus* (I) | | | Muriqui tat-Tramuntana |
| | *Oreonax flavicauda* (I) | | | Xadin sufi ta' denbu isfar |
| **Cebidae** | | | | **Marmosetti, tamarini, u xadini tad-Dinja l-Ġdida** |
| | *Callimico goeldii* (I) | | | Marmoset ta' Goeldi |
| | *Callithrix aurita* (I) | | | Marmoset tat-troffa lewnha baffa |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Callithrix flaviceps* (I) | | | Marmoset rasu lewnha baff |
| | *Leontopithecus* spp. (I) | | | Tamarin iljun |
| | *Saguinus bicolor* (I) | | | Tamarin baqri |
| | *Saguinus geoffroyi* (I) | | | Tamarin ta' Goeffroy |
| | *Saguinus leucopus* (I) | | | Tamarin ta' saqajħ bojod |
| | *Saguinus martinsi* (I) | | | Tamarin wiċċu mikxuf ta' Martins |
| | *Saguinus oedipus* (I) | | | Tamarin cottontop |
| | *Saimiri oerstedii* (I) | | | Xadin skwiril tal-Amerka Ċentrali |
| **Cercopithecidae** | | | | **Xadini tad-Dinja l-Qadima** |
| | *Cercocebus galeritus* (I) | | | Mangabey tax-Xmara Tana |
| | *Cercopithecus diana* (I) | | | Xadina Diana |
| | *Cercopithecus roloway* (I) | | | Xadina Roloway |
| | *Cercopithecus solatus* (II) | | | Xadina denbha xemx |
| | *Colobus satanas* (II) | | | Colobus iswed |
| | *Macaca silenus* (I) | | | Makakku denb l-iljun |
| | *Mandrillus leucophaeus* (I) | | | Drill |
| | *Mandrillus sphinx* (I) | | | Mandrill |
| | *Nasalis larvatus* (I) | | | Xadina ta' mneħirha kbir |
| | *Piliocolobus foai* (II) | | | Colobus aħmar tal-Afrika Ċentrali |
| | *Piliocolobus gordonorum* (II) | | | Colobus aħmar tal-Uzungwa |
| | *Piliocolobus kirkii* (I) | | | Colobus aħmar ta' Żanżibar |
| | *Piliocolobus pennantii* (II) | | | Colobus aħmar ta' Pennant |
| | *Piliocolobus preussi* (II) | | | Colobus aħmar ta' Preuss |
| | *Piliocolobus rufomitratus* (I) | | | Colobus aħmar tax-Xmara Tana |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Piliocolobus tephrosceles* (II) | | | Colobus aħmar tal-Uganda |
| | *Piliocolobus tholloni* (II) | | | Colobus aħmar ta' Thollon |
| | *Presbytis potenziani* (I) | | | Langur ta' Mentawai |
| | *Pygathrix* spp. (I) | | | Languri Douc |
| | *Rhinopithecus* spp. (I) | | | Xadini mneħirhom imbuzzat |
| | *Semnopithecus ajax* (I) | | | Langur griż tal-Kaxmir |
| | *Semnopithecus dussumieri* (I) | | | Langur griż tal-Pjanuri tan-Nofsinhar |
| | *Semnopithecus entellus* (I) | | | Langur griż tal-Pjanuri tat-Tramuntana |
| | *Semnopithecus hector* (I) | | | Langur griż tat-Tarai |
| | *Semnopithecus hypoleucos* (I) | | | Langur griż saqajh suwed |
| | *Semnopithecus priam* (I) | | | Langur tat-troffa griża |
| | *Semnopithecus schistaceus* (I) | | | Langur griż tan-Nepal |
| | *Simias concolor* (I) | | | Simakobou |
| | *Trachypithecus delacouri* (II) | | | Langur ta' Delacour |
| | *Trachypithecus francoisi* (II) | | | Langur ta' François |
| | *Trachypithecus geei* (I) | | | Langur dehbi ta' Gee |
| | *Trachypithecus hatinhensis* (II) | | | Langur Hatinh |
| | *Trachypithecus johnii* (II) | | | Langur tan-Nilgiri |
| | *Trachypithecus laotum* (II) | | | Langur tal-Laos |
| | *Trachypithecus pileatus* (I) | | | Langur bit-troffa |
| | *Trachypithecus poliocephalus* (II) | | | Langur rasu bajda |
| | *Trachypithecus shortridgei* (I) | | | Langur ta' Shortridge |
| **Cheirogaleidae** | | | | **Lemuri nani u Lemuri ġrieden** |
| | Cheirogaleidae spp. (I) | | | Lemuri nani u Lemuri ġrieden |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Daubentoniidae** | | | | **Aye-aye** |
| | *Daubentonia madagascariensis* (I) | | | Aye-aye |
| **Hominidae** | | | | **Ximpanzi, gorilli, orangutan** |
| | *Gorilla beringei* (I) | | | Gorilla tal-Lvant |
| | *Gorilla gorilla* (I) | | | Gorilla tal-Punent |
| | *Pan* spp. (I) | | | Ximpanzi u bonobo |
| | *Pongo abelii* (I) | | | Orangutan ta' Sumatra |
| | *Pongo pygmaeus* (I) | | | Orangutan ta' Borneo |
| **Hylobatidae** | | | | **Ġibbuni** |
| | Hylobatidae spp. (I) | | | Ġibbuni |
| **Indriidae** | | | | **Indri, sifakas u lemuri sufin** |
| | Indriidae spp. (I) | | | Indri, sifakas u lemuri sufin |
| **Lemuridae** | | | | **Lemuri kbar** |
| | Lemuridae spp. (I) | | | Lemuri kbar |
| **Lepilemuridae** | | | | **Lemuri sportivi** |
| | Lepilemuridae spp. (I) | | | Lemuri sportivi |
| **Lorisidae** | | | | **Loris** |
| | *Nycticebus* spp. (I) | | | Loris kajman |
| **Pitheciidae** | | | | **Wakari, titi, saki** |
| | *Cacajao* spp. (I) | | | Wakari |
| | *Callicebus barbarabrownae* (II) | | | Titi ta' Barbara Brown |
| | *Callicebus melanochir* (II) | | | Titi kostali idejh suwed |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Callicebus nigrifrons* (II) | | | Titi sidru iswed |
| | *Callicebus personatus* (II) | | | Titi tal-Atlantiku |
| | *Chiropotes albinasus* (I) | | | Saki mnieħru abjad |
| **Tarsiidae** | | | | **Tarsiers** |
| | *Tarsius* spp. (II) | | | Tarsiers |
| PROBOSCIDEA | | | | |
| **Elephantidae** | | | | **Iljunfanti** |
| | *Elephas maximus* (I) | | | Iljunfant Asjatiku |
| | *Loxodonta africana* (I) (Għajr għall-popolazzjonijiet tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe, li huma inklużi fl-Anness B) | *Loxodonta africana* (II) (Il-popolazzjonijiet tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe biss (7); il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness A) | | Iljunfant Afrikan |
| RODENTIA | | | | |
| **Chinchillidae** | | | | **Ċinċilla** |
| | *Chinchilla* spp. (I) (Eżemplari tal-forma domestikata mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament) | | | Ċinċilla |
| **Cuniculidae Paka** | | | | **Pacas** |
| | | | *Cuniculus paca* (III il-Ħonduras) | Paka tal-pjanura |
| **Dasyproctidae** | | | | **Agoutis** |
| | | | *Dasyprocta punctata* (III il-Ħonduras) | Aguti tal-Amerka Ċentrali |
| **Erethizontidae** | | | | **Porkuspini tad-Dinja l-Ġdida** |
| | | | *Sphiggurus mexicanus* (III il-Ħonduras) | Porkuspin nanu muswaf Messikan |
| | | | *Sphiggurus spinosus* (III l-Urugwaj) | Porkuspin nanu muswaf tal-Paragwaj |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Hystricidae** | | | | **Porkuspin tad-Dinja l-Qadima** |
| | ***Hystrix cristata*** | | | Porkupsin bl-għalla |
| **Muridae** | | | | **Ġrieden, firien** |
| | *Leporillus conditor* (I) | | | Far perit |
| | *Pseudomys fieldi praeconis* (I) | | | Ġurdien ta' Shark Bay |
| | *Xeromys myoides* (I) | | | Far tal-ilma |
| | *Zyzomys pedunculatus* (I) | | | Far tal-blat tal-Awstralja Ċentrali |
| **Sciuridae** | | | | **Skwirils tal-art, skwirils tas-siġar** |
| | *Cynomys mexicanus* (I) | | | Kelb tal-praterija Messikan |
| | | | *Marmota caudata* (III l-Indja) | Far il-ġebel denbu twil |
| | | | *Marmota himalayana* (III l-Indja) | Far il-ġebel tal-Ħimalaja |
| | | *Ratufa* spp. (II) | | Skwirils ġganti |
| | | | *Sciurus deppei* (III il-Kosta Rika) | Skwiril ta' Deppe |
| SCANDENTIA | | | | |
| | | SCANDENTIA spp. (II) | | Ġrieden geddumhom twil tas-siġar |
| SIRENIA | | | | |
| **Dugongidae** | | | | **Dugong** |
| | *Dugong dugon* (I) | | | Dugong |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Trichechidae** | | | | **Lamantini** |
| | *Trichechus inunguis* (I) | | | |
| | *Trichechus manatus* (I) | | | |
| | *Trichechus senegalensis* (I) | | | |
| **AVES** | | | | **Ghasafar** |
| ANSERIFORMES | | | | |
| **Anatidae** | | | | **Papri, wiżż, ċinji, eċċ.** |
| | *Anas aucklandica* (I) | | | Sarsella tal-Gżejjer ta' Auckland |
| | | *Anas bernieri* (II) | | Sarsella tal-Madagascar |
| | *Anas chlorotis* (I) | | | Sarsella kannella |
| | | *Anas formosa* (II) | | Sarsella tal-Bajkal |
| | *Anas laysanensis* (I) | | | Papra ta' Laysan |
| | *Anas nesiotis* (I) | | | Sarsella tal-Gżira ta' Campbell |
| | ***Anas querquedula*** | | | Sarsella ħamra |
| | *Asarcornis scutulata* (I) | | | Papra bil-ġwienaħ bojod |
| | *Aythya innotata* | | | Pochard tal-Madagascar |
| | ***Aythya nyroca*** | | | Papra lewn is-sadid |
| | *Branta canadensis leucopareia* (I) | | | Wiżża Alewtina |
| | ***Branta ruficollis* (II)** | | | Wiżża sidirha aħmar |
| | *Branta sandvicensis* (I) | | | Nene |
| | | *Coscoroba coscoroba* (II) | | Ċinju Coscoroba |
| | | *Cygnus melancoryphus* (II) | | Ċinju għonqu iswed |
| | | *Dendrocygna arborea* (II) | | Papra ssaffar tal-Indja tal-Punent |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | | *Dendrocygna autumnalis* (III il-Ħonduras) | Papra ssaffar żaqqha sewda |
| | | | *Dendrocygna bicolor* (III il-Ħonduras) | Papra ssaffar ħamra fl-isfar |
| | *Mergus octosetaceus* | | | Mergante Brażiljana |
| | ***Oxyura leucocephala* (II)** | | | Papra rasha bajda |
| | *Rhodonessa caryophyllacea* (possibbilment estinta) (I) | | | Papra rasha roża |
| | | *Sarkidiornis melanotos* (II) | | Papra bl-għalla |
| | *Tadorna cristata* | | | Tadorna bl-għalla |
| APODIFORMES | | | | |
| **Trochilidae** | | | | **Kolibri** |
| | | Trochilidae spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Kolibri |
| | *Glaucis dohrnii* (I) | | | Eremita munqaru ganċ |
| CHARADRIIFORMES | | | | |
| **Burhinidae** | | | | **Okkjuni** |
| | | | *Burhinus bistriatus* (III il-Gwatemala) | Okkjun b'żewġ strixex |
| **Laridae** | | | | **Gawwi, ċirlewwi** |
| | *Larus relictus* (I) | | | Gawwi relitt |
| **Scolopacidae** | | | | **Gurlini, ċewċewwi** |
| | *Numenius borealis* (I) | | | Gurlin boreali |
| | *Numenius tenuirostris* (I) | | | Gurlin munqaru rqiq |
| | *Tringa guttifer* (I) | | | Ċewċewwa ta' Nordmann |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| CICONIIFORMES | | | | |
| **Ardeidae** | | | | **Agretti, russetti** |
| | ***Ardea alba*** | | | Agrett kbir |
| | ***Bubulcus ibis*** | | | Agrett tal-Bhejjem |
| | ***Egretta garzetta*** | | | Agrett żgħir |
| **Balaenicipitidae** | | | | **Shoebill, Ċikonja ras baliena** |
| | | *Balaeniceps rex* (II) | | Shoebill |
| **Ciconiidae** | | | | **Ċikonji** |
| | *Ciconia boyciana* (I) | | | Ċikonja orjentali |
| | ***Ciconia nigra* (II)** | | | Ċikonja sewda |
| | *Ciconia stormi* | | | Ċikonja ta' Storm |
| | *Jabiru mycteria* (I) | | | Jabiru |
| | *Leptoptilos dubius* | | | Ċikonja ajjutant kbira |
| | *Mycteria cinerea* (I) | | | Ċikonja bajda |
| **Phoenicopteridae** | | | | **Fjamingi** |
| | | Phoenicopteridae spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Fjamingi |
| | ***Phoenicopterus ruber* (II)** | | | Fjamingu kbir |
| **Threskiornithidae** | | | | **Ibis, spatuli** |
| | | *Eudocimus ruber* (II) | | Ibis skarlat |
| | *Geronticus calvus* (II) | | | Ibis qargħi |
| | *Geronticus eremita* (I) | | | Ibis eremita |
| | *Nipponia nippon* (I) | | | Ibis Ġappuniż |
| | ***Platalea leucorodia* (II)** | | | Spatula bajda tal-Eurasja |
| | *Pseudibis gigantea* | | | Ibis ġgant |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| COLUMBIFORMES | | | | |
| **Columbidae** | | | | **Bċieċen, Ħamiem** |
| | *Caloenas nicobarica* (I) | | | Ħamiema ta' Nicobar |
| | *Claravis godefrida* | | | Beċċun tal-art ġwenħajh vjola |
| | ***Columba livia*** | | | Ħamiema tal-blat |
| | *Ducula mindorensis* (I) | | | Beċċun ta' Mindoro |
| | | *Gallicolumba luzonica* (II) | | Ħamiema ta' Luzon |
| | | *Goura* spp. (II) | | Ħamiem tal-kuruna |
| | *Leptotila wellsi* | | | Beċċun ta' Grenada |
| | | | *Nesoenas mayeri* (III il-Mawrizju) | Ħamiema roża |
| | ***Streptopelia turtur*** | | | Gamiema Ewropea |
| CORACIIFORMES | | | | |
| **Bucerotidae** | | | | **Buċeri** |
| | | *Aceros* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Buċeri |
| | *Aceros nipalensis* (I) | | | Buċeru b'għonqu kannella fl-aħmar |
| | | *Anorrhinus* spp. (II) | | Buċeri |
| | | *Anthracoceros* spp. (II) | | Buċeri |
| | | *Berenicornis* spp. (II) | | Buċeri |
| | | *Buceros* spp (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Buċeri |
| | *Buceros bicornis* (I) | | | Buċeru kbir |
| | | *Penelopides* spp. (II) | | Buċeri |
| | *Rhinoplax vigil* (I) | | | Buċeru bl-elmu |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | *Rhyticeros* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Buċeri |
| | *Rhyticeros subruficollis* (I) | | | Buċeru bil-gangala ċara |
| CUCULIFORMES | | | | |
| **Musophagidae** | | | | **Turako** |
| | | *Tauraco* spp. (II) (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Turako |
| | *Tauraco bannermani* (II) | | | Turako ta' Bannerman |
